**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Dicembru 2020.**

**Rikors nru: 126/2018 AGV ;**

**AB**

**U**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet datat 17 ta' Settembru 2020 fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi fil-kawza fl-ismijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejniethom.
2. Illi jinghad illi l-partijiet waslu ghal ftehim dwar is-separazzjoni u kontestwalment ma' dar-rikors huma qed jipprezentaw rikors ghal-awtorizazzjoni tal-abbozz li ghandu jigi ippubblikat min-nutar Tonio Cauchi.

3. Illi jirrizulta mill-provi migbura f' din il-kawza illi l-kontendenti ilhom minn Novembru 2014 jghixu f' residenzi separati u allura ghal aktar minn erba' snin matul dawn l-ahhar hamsa pprospettati fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16.
4. Illi in oltre' ma hemm ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u kwistjonijiet dwar manteniment ghall-bzonnijiet tat-tfal minuri ma hemmx stante li l-mateniment huwa regolat permezz tal-kuntratt;
5. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi artikolu 66 B tal-Kap. 16 huma sodisfatti.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66 F tal-Kap. 16, din il-Qorti joghgbha, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-istess artikolu, tordna li sewwa t-talbiet ghas-separazzjoni jitqiesu minflok it-talbiet ghall-pronunzjament tad-divorzju.

Il-Qorti rat li fis-seduta tat-Tlieta 17 ta' Novembru 2020, deher Dr. Jonathan Spiteri li jinsab informat minn Dr. Rebecca Tanti Dougall li ma ghandix oggezzjoni li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza tad-divorzju.

Rat li fis-seduta tallum, il-kawza ta' separazzjoni giet ceduta, b'dana illi ghandha tinghata sentenza ta' divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**